

# Il-Vjolenza tal-Imħabba

Ġanni Camilleri

L-Abba l-patri, ra fqir għeri.
Kien fil-kesħa jmut bil-bard.
"Nghinu" qal "u ntih x'jilbes,
Qabel ma se jkun wisq tard!

Jekk imut bil-bard, bil-kesha,
Se nkun jien żgur il-kaġun.
Quddiem Alla nkun il-ħati,
U tassew! U bir-raġun!"

Neħħa għalhekk, l-ilbies minn fuqu.
Tahom lill-fqir magħkus bil-mard.
Qagħad fil-ġenb tat-triq u għeri
F'dik il-kesħa, f'dak il-bard.

Rah suldat, għarfu u staqsa,
"Dak min neżżgħek, ħalliek hawn?"
L-Abba tħassru, xejn ma kellu,
Ħlief il-Ktieb li kellu miegħu.



Qal, "Inbiegħ dan il-Vanġelu
U bil-flus ngħin lill-midjun."
U hekk għamel, ġabar flusu,
Tahom lil ħabsi, neħħa d-djun.

L-Abba mar fl-għarix li kellu.
Hemm rawh shabu l-patrijiet.
U qalulu, "Dan x'kien għeri?"
Se tkun tort ta' tant dnubiet."

"Għax bl-ilbies li kelli fuqi,
Libbist lil min kien għarwien,
Hekk qalilna Kristu nagħmlu,
Fil-bżonn nagħmlu bla dewmien!

U l-Vanġelu wkoll neħħejtu,
Begħttu biex ngħin lill-midjun.
B'hekk teżor għandi fis-sema.
Mal-Mulej jien ma rridx djun.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu
l-Mużika mal-Banda Imperial

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7994 1401